# Aħbarijiet mill-Provinċja Karmelitana Maltija

Miġbura minn Glen Attard, O.Carm, *Segretarju Provinċjali*




Mit-Tnejn 6 sal-Ġimgħa 10 t'April 2015, il-Provinċja Karmelitana Maltija ta' San Elija iċċelebrat il-Kapitlu Provinċjali, li fih P. Alexander Vella O.Carm. ġie elett Pirjol Provinċjal għal dawn it-tliet snin li ġejjin, flimkien ma' P. Charles Mallia O.Carm., P. Maurice Abela O.Carm., P. Anthony Cilia O.Carm., u P. Alexander Scerri O.Carm. li ġew eletti Kunsilliera Provinċjali. It-tema tal-Kapitlu kienet: It-tiġdid tal-komunitajiet tagħna bħala komunitajiet kontemplattivi f'nofs il-poplu. Il-Kapitlu fetaħ b'Quddiesa konċelebrata mill-Pirjol Ġenerali W.R.P. Fernando Millán Romeral, il-Kunsillier Ġenerali għall-Ewropa l-W.R.P. John Keating, flimkien ma' għadd sabiħ ta' reliġjużi tal-Provinċja Karmelitana Maltija. Preżenti kien ukoll il-Provinċjal tal-Karmelitani Skalzi W.R.P. Manwel Schembri, OCD.

Sabiex jgħinu fir-riflessjoni u d-dixxerniment, nhar it-Tlieta 7 t'April il-kapitulari laqgħu fosthom għadd ta' kelliema, fosthom Dun Joseph Farrugia, psikologu mid-Djoċesi t'Għawdex, u rappreżentanza ta' lajċi minn madwar ir-realtajiet Karmelitani mferrxin madwar Malta. Il-Ħamis 9 t'April imbagħad il-kapitulari laqgħu lill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li fid-diskors tiegħu wera s-sodisfazzjoni tiegħu bil-fatt li l-Karmelitani huma l-ewwel Ordni Reliġjuż li qed iżur uffiċjalment minn mill-bidu tal-ministeru tiegħu bħala l-Arċisqof ta' Malta. Tenna kif jixtieq mill-Karmelitani f'Malta li jkunu skola ta' talb, oażi ta' relazzjoni ħajja ma' Ġesù fl-ispirtu ta' Marija. Huwa tenna lill-Karmelitani: "kunu dak li intom" fil-Knisja Lokali. Matul il-ġimgħa, apparti d-diskussjonijiet, kien hemm ukoll mumenti sbieħ ta' rikreazzjoni u qsim fratern ta' esperjenzi.

Il-Kapitlu għalaq nhar il-Ġimgħa 10 t'April b'diskors mill-Provinċjal li fih ġabar il-punti ewleninn li ħarġu mill-Kapitlu Provinċjali 2015, filwaqt li rringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem attiv u għamlu li dan il-Kapitlu jkun suċċess, b'mod speċjali lil-Ommna Marija, Ġmiel il-Karmelu, li taħt il-mant tagħha huwa afda l-Provinċjalat tiegħu.



## Mill-Kulleġġ San Elija

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb, nhar it-23 t'April 2015, l- awtur popolari Trevor Żahra kien il-mistieden tal-Kulleġġ sabiex ikellem lill-istudenti dwar l-importanza tal-qari u dwar ix- xogħlijiet tiegħu. L-istudenti staqsew diversi mistoqsijiet interessanti lill-awtur. Il-Kulleġġ ħa ħsieb li jiċċelebra dan il-jum permezz tal-ftuħ tal-librerija l- ġdida. Is-Sur Trevor Żahra fetaħ uffiċjalment il-librerija, li ġiet imbierka mill-Provinċjal Patri Alexander Vella O.Carm.



Fis-7 u fit-8 ta' Mejju 2015, kien iċċelebrat Jum il-Premjazzjoni f'Saint Elias College. Il-programm kien jinkludi kant mill-kor tal-Kulleġġ, kant u mużika minn studenti solisti, mużika mill- band tal-Kulleġġ Infrared, id- dramm Oliver Twist, diskors tal-istudenti u kelmtejn mir-Rettur. Fl-ewwel serata ppresieda l-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta, li qassam il-premjijiet lill-istudenti tal- Għaxar Sena, fil-waqt li fit-tieni serata ppresieda l-W.Rev. P. Alexander Vella, Pirjol Provinċjali li qassam il-premjijiet lill-istudenti tat-Tmienja u d-Disa' Sena. L-Amministrazzjoni tal-Kulleġġ tirringrazzja lill-membri tal-Provinċja li attendew għaż-żewġ serati.



## Pellegrinaġġi bil-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu

Matul l-Erbgħat tal-Udjenza tal-Madonna tal-Karmnu, ir-replika tal-Kwadru Inkurunat li jinsab fis-Santwarju tal- Karmnu, il-Belt Valletta, dar f'diversi pelleggrinaġġi fil-knejjes tagħna l-Karmelitani. Minn nhar is-Sibt 11 t'April il-kwadru kien fil-knisja tal-Fgura. Nhar is-Sibt 18 t'April, ittieħed fil-parroċċa ta' Santa Venera, u imbagħad fil-25 t'April ittieħed fil- parroċċa tal-Fleur-de-Lys. Fl-aħħarnett il-pelleggrinaġġi komplew nhar it-2 ta' Mejju fil-parroċċa tal-Balluta.